SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

21 ta' Ġunju 2017 *

"Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva GPTech — Trade marks tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti GP JOULE — Nuqqas ta' produzzjoni, quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, tal-provi tal-awtorizzazzjoni sabiex titressaq oppożizzjoni — Produzzjoni ta' provi għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell — Assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni — Setgħa diskrezzjonali tal-Bord tal-Appell — Ċirkustanzi li jipprekludu t-teħid inkunsiderazzjoni ta' provi ġodda jew supplimentari — Artikolu 76(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Regola 17(4), Regola 19(2), Regola 20(1) u Regola 50(1) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95"

Fil-Kawża T-235/16,

GP Joule PV GmbH & Co. KG, stabbilita fi Reußenköge (il-Ġermanja), irrappreżentata minn F. Döring, avukat,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (**EUIPO**), irrappreżentat minn E. Zaera Cuadrado, bħala aġent,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO kienet

Green Power Technologies, SL, stabbilita fi Bollullos de la Mitación (Spanja),

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tad-9 ta' Frar 2016 (Każ R 848/2015-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn GP Joule PV u Green Power Technologies,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla),

komposta minn V. Tomljenović, President, A. Marcoulli u A. Kornezov (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-10 ta' Mejju 2016,

wara li rat ir-risposta ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Lulju 2016,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li rat il-bidla fil-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali,

wara li rat l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-kawża lis-Seba' Awla u lil Imħallef Relatur ġdid,

wara li rat l-assenza ta' talba għall-iffissar ta' seduta mressqa mill-partijiet prinċipali fit-terminu ta' tliet ġimgħat min-notifika tal-għeluq tal-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 106(3) tar-Regoli tal-Proċedura, iddeċidiet li taqta' l-kawża mingħajr fażi orali tal-proċedura,

tagħti l-preżenti

Sentenza [1]

[*omissis*]

It-talbiet tal-partijiet

15 Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tirriforma d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad ir-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni;

— sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

16 L-EUIPO jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

[*omissis*]

Fuq it-talbiet intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata

23 Insostenn tat-talba tagħha għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti essenzjalment tinvoka żewġ motivi. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq applikazzjoni żbaljata tar-regoli li jirregolaw il-proċedimenti ta' oppożizzjoni u, it-tieni wieħed, fuq applikazzjoni żbaljata tar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95 u tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

[*omissis*]

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tat-tielet subparagrafu tar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95 u tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009

[*omissis*]

1 — Qed jiġu riprodotti biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis li l-pubblikazzjoni tagħhom hija utli.

39 Qabelxejn għandu jitfakkar li t-tielet subparagrafu tar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95 jipprevedi li, "[f]ejn l-appell isir kontra deċiżjoni ta' Divizjoni ta' Oppożizzjoni, il-Bord [tal-Appell] għandu jillimita l-eżami ta' l-appell għall-fatti u evidenza ppreżentata fi ħdan il-limiti ta' żmien stipulati jew speċifikati mid-Divizjoni ta' Oppożizzjoni skond ir-Regolament u dawn ir-Regoli, sakemm il-Bord ma jikkunsidrax li fatti u evidenza supplimentari jew addizzjonali [ġodda u supplimentari] għandu jittieħed kont tagħhom skond l-Artikolu [76(2) tar-Regolament Nru 207/2009]".

40 L-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprovdi li l-EUIPO jista' ma jiħux inkunsiderazzjoni l-fatti li l-partijiet ma invokawx jew il-provi li huma ma pproduċewx fi żmien utli.

41 Ir-Regolament Nru 207/2009 għaldaqstant jipprovdi b'mod espress li, waqt l-eżami ta' appell ippreżentat kontra deċiżjoni ta' Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, il-Bord tal-Appell għandu s-setgħa diskrezzjonali li tirriżulta mit-tielet subparagrafu tar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95 u mill-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009, sabiex jiddeċiedi jekk hemmx lok li jieħu inkunsiderazzjoni fatti u provi ġodda jew supplimentari li ma ġewx prodotti fit-termini stabbiliti jew speċifikati mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni (sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2013, Rintisch vs UASI, C-122/12 P, EU:C:2013:628, punt 33; tat-3 ta' Ottubru 2013, Rintisch vs UASI, C-120/12 P, EU:C:2013:638, punt 32, u tat-3 ta' Ottubru 2013, Rintisch vs UASI, C-121/12 P, EU:C:2013:639, punt 33).

42 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tirrileva li l-verżjoni Franċiża tat-tielet subparagrafu tar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95 kienet differenti mill-verżjoni Spanjola, dik Ġermaniża u dik Ingliża fir-rigward ta' element essenzjali. Fil-fatt, filwaqt li dawn l-aħħar verżjonijiet jipprevedu li l-Bord tal-Appell jista' jikkunsidra biss fatti u provi "addizzjonali jew kumplementari", il-verżjoni Franċiża tikklassifika dawn l-istess fatti u provi bħala "ġodda jew supplimentari" (sentenza tal-21 ta' Lulju 2016, EUIPO vs Grau Ferrer, C-597/14 P, EU:C:2016:579, punt 23).

43 Billi bbażat ruħha fuq l-istruttura u l-għan tal-leġiżlazzjoni li minnha tikkostitwixxi element din id-dispożizzjoni u, b'mod partikolari, l-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009, li jikkostitwixxi l-bażi legali tar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, f'dak li jikkonċerna l-prova tal-użu ta' trade mark, meta ebda prova f'dan ir-rigward ma tkun ġiet prodotta fit-terminu stabbilit mill-EUIPO, iċ-ċaħda tal-oppożizzjoni ikollha tiġi deċiża *ex officio* minn dan tal-aħħar. Għall-kuntrarju, meta provi jkunu ġew prodotti fit-terminu stabbilit mill-EUIPO, il-produzzjoni ta' provi supplimentari tibqa' possibbli (ara s-sentenza tal-21 ta' Lulju 2016, EUIPO vs Grau Ferrer, C-597/14 P, EU:C:2016:579, punti 24 sa 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-istess interpretazzjoni tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 kellha tiġi adottata fir-rigward tal-prova tal-eżistenza, tal-validità u tal-portata tal-protezzjoni tat-trade mark, peress li l-imsemmija dispożizzjoni fiha regola li għandha rwol orizzontali fis-sistema tal-imsemmi regolament, sa fejn din tapplika indipendentement min-natura tal-proċedura kkonċernata. Minn dan isegwi li r-Regola 50 tar-Regolament Nru 2868/95 ma tistax tiġi interpretata fis-sens li hija twessa' s-setgħat diskrezzjonali tal-Bordijiet tal-Appell għal provi ġodda (sentenza tal-21 ta' Lulju 2016, EUIPO vs Grau Ferrer, C-597/14 P, EU:C:2016:579, punt 27), iżda biss għall-provi msejħa "komplementari" jew "supplimentari", li jiżdiedu ma' provi rilevanti, ippreżentati fit-terminu stabbilit [ara s-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, CEDC International vs UASI – Underberg (Forma ta' werqa ħaxixa ġo flixkun), T-235/12, EU:T:2014:1058, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata].

45 Għaldaqstant, għandu jiġi ddeterminat jekk id-dikjarazzjoni tal-15 ta' Lulju 2015, ippreżentata għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell, tistax tiġi kklassifikata bħala prova "komplementari" jew "supplimentari" fis-sens tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95 u tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009, kif interpretati mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 41 sa 44.

46 Huwa paċifiku li r-rikorrenti ma ppreżentat ebda prova li turi l-awtorizzazzjoni tagħha skont ir-Regola 19(2) tar-Regolament Nru 2868/95, la fit-terminu stabbilit u lanqas, barra minn hekk, f'xi mument matul il-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, u dan minkejja l-fatt li, hekk kif ġie rrilevat fil-punt 6 hawn fuq, ir-rikorrenti ġiet informata b'mod ċar mill-EUIPO li hija kellha tippreżenta dokumenti sabiex tagħti prova, minn naħa, tal-kwalità tagħha ta' persuna liċenzjata u, min-naħa l-oħra, li hija kienet awtorizzata mill-proprjetarju tat-trade marks preċedenti sabiex tressaq oppożizzjoni. Barra minn hekk, huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-għoti ta' liċenzja għat-trade marks preċedenti ma tniżżilx fir-reġistru tal-EUIPO skont l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 207/2009.

47 Barra minn hekk, il-proposti li jinsabu fl-osservazzjonijiet tagħha tal-20 ta' Frar 2015, li skonthom ir-rikorrenti kienet il-persuna liċenzjata esklużiva tal-proprjetarju tat-trade marks preċedenti, jikkostitwixxu biss sempliċi affermazzjoni mhux appoġġjata minn prova. F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-dikjarazzjoni tal-15 ta' Lulju 2015 ma tistax titqies bħala prova "komplementari" jew "supplimentari" li tiżdied ma' provi diġà ppreżentati mir-rikorrenti.

48 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex tressaq oppożizzjoni jirriżulta b'mod evidenti mill-fatt li l-isem tagħha kien identiku għal dak li jidher fit-trade marks preċedenti li jikkostitwixxu l-bażi tal-oppożizzjoni, huwa biżżejjed li wieħed josserva, bħall-EUIPO, li din iċ-ċirkustanza ma tistax tippermetti li wieħed jippreżumi li r-rikorrenti kellha awtorizzazzjoni. Is-sempliċi fatt li sinjal jikkoinċidi, totalment jew parzjalment, mal-isem ta' impriża jista' jkun dovut għal diversi ċirkustanzi fil-kummerċ, u evidentement ma jistax jissostitwixxi dokument probatorju, bħalma huwa kuntratt ta' liċenzja, li juri kemm il-kwalità ta' persuna liċenzjata kif ukoll il-portata tad-drittijiet tagħha. F'dan ir-rigward, id-drittijiet tal-persuna liċenzjata jistgħu jkunu suġġetti għal diversi limitazzjonijiet li jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-prodotti u s-servizzi li huma s-suġġett tal-liċenzja inkwistjoni, it-territorju li għalih ingħatat il-liċenzja u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni sabiex titressaq oppożizzjoni.

49 Għaldaqstant, il-Bord tal-Appell ġustament ikkonkluda li d-dikjarazzjoni tal-15 ta' Lulju 2015 ma tistax tiġi kklassifikata bħala prova "komplementari" jew "supplimentari" u, konsegwentement, ma setgħetx tittieħed inkunsiderazzjoni skont it-tielet subparagrafu tar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95 u l-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009, kif interpretati mil-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 41 sa 44.

50 Għalhekk, it-tieni motiv tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud bħala infondat.

[*omissis*]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) GP Joule PV GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

Tomljenović Marcoulli Kornezov

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Ġunju 2017.

Firem